MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 91/2002

**Rikors Nru: 91/02**

***Giacinta Sammut***

***versus***

***Vincent Muscat***

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi hija propretarja u tikri lill-intimat il-fond in-numru disa' (9) qabel bin-numru sitta (6), fi Triq Dyers, B'Kara, Malta, versu l-kera ta' ghoxrin Liri Maltin (Lm20.00) fis-sena, pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem, liema kera tithallas kull Mejju u Novembru ta' kull sena.

Illi l-esponenta jidhrilha illi din il-kera hija baxxa wisq u tixtieq illi dan il-Bord jistabilixxi kera aktar giusta u ekwa.

Ghaldaqstant l-esponenta titolbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jiffissa kera xierqa u giusta tal-fond hawn fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

Ra r-risposta

Illi l-kera attwali hija giusta u timmerita konferma u ghaldaqstant it-talba rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra taghha.

Ra d-digriet tieghu tat-2 ta' Dicembru, 2002 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti.

Billi mir-relazzjoni jirrizulta li l-kera xieraq li ma jaqbisx b'aktar minn erbghin fil-mija (40%) li bih seta kien mikri fl-1914 hu ta' hamsin lira Maltija (Lm50) fis-sena,

Jiffissa l-kera fl-ammont ta' hamsin lira Maltija (Lm50) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem l-ewwel skadenza f'Novembru 2002, manutensjoni ordinarja a kagun tal-kerrej, xoghol iehor a kagun tas-sid; spejjez bin-nofs bejn il-partijiet. Ir-relazzjoni tghamel parti shiha minn din is-sentenza.

Dep/Reg
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------